IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.6.2025
COM(2025) 323 final

2025/0171 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 10159/21 INIT; ST 10159/21 ADD 1; ST 10159/21 COR 1) tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Awstrija

2025/0171 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 10159/21 INIT; ST 10159/21 ADD 1; ST 10159/21 COR 1) tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Awstrija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP", recovery and resilience plan) mill-Awstrija fit-30 ta' April 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021[2]. Din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill ġiet emendata fid-9 ta' Novembru 2023[3].

(2) Fil-21 ta' Novembru 2024, l-Awstrija għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tressaq proposta li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li, parzjalment, l-RRP ma għadux jista' jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Abbażi ta' dan, l-Awstrija ppreżenta RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

(3) L-emendi tal-RRP ippreżentati mill-Awstrija minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 18-il miżura.

(4) L-Awstrija spjegat li tliet miżuri ġew emendati biex jiġu implimentati alternattivi aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tal-miżura. Dan jikkonċerna l-istadju importanti 1 u d-deskrizzjoni tal-miżura 1.A.1. (Liġi dwar it-Tisħin Rinnovabbli) taħt il-komponent 1 Irkupru Sostenibbli, l-istadji importanti 111, 112 u l-mira 113 u d-deskrizzjoni tal-miżura 4.A.3. (Żvilupp tal-pjattaforma elettronika tal-mother-child

[1] ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.
[2] ST 10159/21 INIT, ST 10159/21 ADD 1; ST 10159/21 COR 1.
[3] ST 14472/23 INIT; ST 14472/23 ADD 1.

pass inklużi l-interfaċċji għan-netwerks ta' għajnuna bikrija), u l-istadji importanti 152 u 153 u d-deskrizzjoni tal-miżura 4.D.2. (Żieda fl-età effettiva tal-irtirar) kollha taħt il-komponent 4 Irkupru Ġust. Abbażi ta' dan, l-Awstrija talbet li d-deskrizzjoni tal-miżuri msemmija hawn fuq, u l-istadji importanti u l-miri msemmija hawn fuq jiġu emendati. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan.

(5) L-Awstrija spjegat li ġew emendati 15-il miżura biex jiġu implimentati alternattivi aħjar li jippermettu t-tnaqqis tal-piż amministrattiv filwaqt li xorta jintlaħqu l-objettivi tal-miżura rispettiva. Dan jikkonċerna l-istadji importanti 22 u 23 u d-deskrizzjoni tal-miżura 1.B.5. (Kostruzzjoni ta' linji ferrovjarji ġodda u elettrifikazzjoni ta' linji ferrovjarji reġjonali) taħt il-komponent 1 Irkupru Sostenibbli, l-istadju importanti 45 taħt il-miżura 2.A.1 (Twaqqif ta' Pjattaforma tal-Infrastruttura tal-Internet tal-Awstrija (PIA) 2030) taħt il-komponent 2 Irkupru Diġitali; id-deskrizzjoni tal-miżura 2.C.1 (Leġiżlazzjoni proposta għal Darba Biss: Emenda tal-Att dwar il-Portal tas-Servizzi tan-Negozju) u l-mira 61 taħt il-miżura 2.C.2. (Fond għad-Diġitalizzazzjoni Amministrazzjoni Pubblika) taħt il-komponent 2 Irkupru Diġitali, il-mira importanti 81 taħt il-miżura 3.A.4 (Infrastrutturi ta' Riċerka (Diġitali)) u l-mira 89 taħt il-miżura 3.B.2 (Promozzjoni tat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet) it-tnejn taħt il-komponent 3 Irkupru bbażat fuq l-Għarfien, il-miri 114, 115, 116 u d-deskrizzjoni tal-miżura 4.A.4. (Tnedija nazzjonali ta' "għajnuna bikrija" għal nisa tqal żvantaġġati soċjalment, it-tfal żgħar u l-familji tagħhom), il-mira 123 u d-deskrizzjoni tal-miżura 4.B.3. (Investiment f'ċentri tal-bliet li ma jagħmlux ħsara lill-klima), il-mira importanti 132 tal-investiment 4.B.4 (Investiment fl-implimentazzjoni tal-Infermerija Komunitarja), il-mira importanti 140 u d-deskrizzjoni tal-miżura 4.C.4. (Mewġa ta' Diġitalizzazzjoni Wirt Kulturali), id-deskrizzjoni tal-miżura 4.D.1. (Rieżami tal-infiq iffukat fuq it-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali) l-istadji importanti 154 u 155 u d-deskrizzjoni tal-miżura 4.D.3. (Tqassim tal-Pensjonijiet), l-istadju importanti 157 u d-deskrizzjoni tal-miżura 4.D.4 (Qafas ta' governanza tal-azzjoni klimatika) u d-deskrizzjoni tal-miżuri 4.D.8. (Pakkett ta' negozji ġodda) u 4.D.11 (Liberalizzazzjoni tar-regolamenti tan-negozju) kollha taħt il-komponent 4 Irkupru Ġust. Abbażi ta' dan, l-Awstrija talbet biex titneħħa informazzjoni ta' sfond mhux meħtieġa jew elementi proċedurali li ma jikkontribwixxux għall-objettivi tal-miżuri, biex jiġi ċċarat li ċerti elementi jkunu relatati mal-objettivi jew mal-kuntest tal-miżuri, u biex jiġu ssimplifikati d-deskrizzjonijiet tal-miżuri jew tal-istadji importanti u l-miri li jikkawżaw piż amministrattiv mhux ġustifikat biex jintlaħqu l-objettivi tal-miżuri rispettivi. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan.

(6) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet ippreżentati mill-Awstrija jiġġustifikaw l-emenda/i skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

Korrezzjonijiet ta' żbalji klerikali

(7) Ġew identifikati 19-il żball klerikali fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, li jaffettwaw tmien stadji importanti u miri u 22 miżura taħt ħames komponenti. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tiġi emendata biex tikkoreġi dawn l-iżbalji klerikali li ma jirriflettux il-kontenut tal-RRP ippreżentat lill-Kummissjoni fit-30 ta' April 2021 kif maqbul bejn il-Kummissjoni u l-Awstrija. Dawn l-iżbalji klerikali huma relatati mal-istadju importanti 2 taħt il-miżura 1.A.1 (Liġi dwar it-Tisħin Rinnovabbli) taħt il-komponent 1 Irkupru Sostenibbli; il-mira 73 taħt il-miżura 3.A.1 (Strateġija ta' Riċerka, Innovazzjoni u Teknoloġija 2030

(Strateġija RTI 2030)), l-istadju importanti 86 taħt il-miżura 3.B.1. (Bonus għall-edukazzjoni) l-istadju importanti 88 taħt il-miżura 3.B.2 (Promozzjoni ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet; l-istadju importanti 94 taħt il-miżura 3.C.2. (Pakkett ta' edukazzjoni rimedjali) kollha taħt il-komponent 3 Irkupru bbażat fuq l-Għarfien; l-istadju importanti 136 taħt il-miżura 4.C.2 (L-iżvilupp ta' strateġija nazzjonali ta' diġitalizzazzjoni għall-wirt kulturali) taħt l-istadju importanti 139 taħt il-miżura 4.C.3 (Rinnovazzjoni ta' Volkskundemuseum Wien u Prater Ateliers) it-tnejn taħt il-komponent 4 Rkupru Ġust; u l-istadju importanti 174 taħt il-miżura 5.A.2. (L-Idroġenu bħala teknoloġija ewlenija għan-newtralità klimatika) taħt il-komponent 5 REPowerEU. Aktar żbalji klerikali huma relatati mad-deskrizzjoni tal-miżuri li ġejjin: 1.C.1 Qafas legali biex jiżdiedu r-rati tal-ġbir għall-imballaġġ tax-xorb u l-provvista ta' kontenituri tax-xorb li jistgħu jerġgħu jintużaw fil-bejgħ bl-imnut, 1.C.4 Retrofitting ta' faċilitajiet ta' separazzjoni eżistenti u kostruzzjoni ta' faċilitajiet ġodda ta' separazzjoni u 1.C.5 Promozzjoni tat-tiswija ta' tagħmir elettriku u elettroniku (bonus tat-tiswija) taħt il-komponent 1 Irkupru Sostenibbli; 2.D.2 Investimenti diġitali f'intrapriżi taħt il-komponent 2 Irkupru Diġitali; 3.B.1 Bonus għall-edukazzjoni u 3.C.3 Espansjoni tal-edukazzjoni elementari taħt il-komponent 3 Irkupru bbażat fuq l-għarfien; 4.A.1 It-titjib tal-kura tas-saħħa primarja, 4.A.2 Finanzjament ta' proġetti tal-kura tas-saħħa primarja; 4.A.4 (Introduzzjoni nazzjonali ta' "għajnuna bikrija" għal nisa tqal soċjalment żvantaġġati, it-tfal żgħar u l-familji tagħhom), 4.D.5 (Riforma tat-taxxa ekosoċjali), 4.D.6 (Finanzjament Ekoloġiku (Aġenda)), 4.D.7 (Strateġija Nazzjonali għall-Edukazzjoni Finanzjarja), 4.D.9 (Tisħiħ tal-kapital tal-ekwità, 4.D.10 (Suq tax-xogħol: punt uniku ta' servizz), u 4.D.11 (Liberalizzazzjoni tar-regolamenti tan-negozju) kollha taħt il-komponent 4 Irkupru Ġust. Fl-aħħar nett, seba' żbalji klerikali huma relatati mat-Taqsima 2 (Appoġġ Finanzjarju) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021. Wieħed minn dawn l-iżbalji klerikali huwa relatat mal-korrezzjoni tal-isem tal-mira 48 skont il-miżura 2.A.2 (id-disponibbiltà ta' networks ta' aċċess b'kapaċità ta' Gigabits u l-ħolqien ta' konnessjonijiet simetriċi ġodda tal-Gigabits taħt il-komponent 2 Irkupru Diġitali) fit-tabella għas-sitt pagament parzjali, biex tiġi allinjata mal-isem ta' din il-mira kif speċifikat fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021. Is-sitt żbalji klerikali l-oħra huma relatati mal-ammonti tal-pagamenti parzjali inklużi fit-Taqsima 2 (Appoġġ Finanzjarju) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021, li kien fiha żball ta' arrotondament. Dawk il-korrezzjonijiet ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni

(8) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

L-indirizzar tal-isfidi kollha jew ta' subsett sinifikanti ta' sfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż

(9) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(b), u l-Anness V, il-kriterju 2.2 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa mistenni li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti tagħhom (Klassifikazzjoni A) identifikati fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Awstrija, inklużi l-aspetti fiskali tagħhom, jew l-isfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħra adottati uffiċjalment mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

(10) L-RRP emendat jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li jikkontribwixxu biex jindirizzaw b'mod effettiv l-isfidi ekonomiċi u soċjali kollha jew

subsett sinifikanti tagħhom deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Awstrija mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, b'mod partikolari rigward is-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet (CSR 2019.1.3).

(11) Fir-rigward tal-bidliet ewlenin li ġabu magħhom ir-reviżjoni tal-pjan, il-modifika tar-riformi 4.D.2 (Żieda fl-età effettiva tal-irtirar) u 4.D.3 (Tnaqqis tal-faqar fix-xjuħija) taħt il-komponent 4 Irkupru Ġust jippermettu lill-Awstrija tindirizza aħjar is-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet (CSR 2019.1.3). Ir-riforma 4.D.2 (Żieda fl-età effettiva tal-irtirar) hija modifikata biex taġġusta l-ewwel żieda fil-pensjoni li persuna tirċievi wara li tirtira. Minħabba l-perjodu eċċezzjonali ta' inflazzjoni fl-2022–2024, l-implimentazzjoni tar-riforma kien ikollha riżultat mhux intenzjonat li tinċentiva l-irtirar preċedenti, li huwa oppost għall-intenzjoni li tiżdied l-età effettiva tal-irtirar. Wara l-modifika, ir-riforma tipprevedi żieda ssimplifikata u mnaqqsa fil-pensjoni għall-ewwel darba għall-persuni kollha, irrispettivament mix-xahar li fih ikunu rtiraw fis-sena preċedenti. Ir-riforma modifikata hija stmata li tiġġenera aktar tfaddil fiskali meta mqabbla mar-riforma prevista oriġinarjament, u b'hekk tikkontribwixxi għas-sostenibbiltà fiskali tas-sistema tal-pensjonijiet. Ir-riforma 4.D.3 (It-tnaqqis tal-faqar fix-xjuħija) hija modifikata biex tinkludi żewġ miżuri tal-pensjoni, li t-tnejn jinċentivaw ħajja tax-xogħol itwal. Iż-żieda fil-bonus ta' differiment tal-pensjoni tippremja lill-persuni li jaħdmu lil hinn mill-età statutorja tal-irtirar tagħhom u hija ta' benefiċċju speċjali għan-nisa, li l-età statutorja tal-irtirar tagħhom għadha aktar baxxa minn dik tal-irġiel, u b'hekk tikkontribwixxi għal tnaqqis fid-diskrepanza fil-pensjonijiet bejn il-ġeneri. Ir-riforma tal-corridor pension għandha l-għan li tirrestrinġi l-aċċess għall-irtirar bikri, u b'hekk iżżid l-età effettiva tal-irtirar u tikkontribwixxi għas-sostenibbiltà fiskali tas-sistema tal-pensjonijiet.

(12) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi ppreżentati mill-Awstrija ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilit fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 10159/21 tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għall-Awstrija rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (d),(da), (db), (e), (f), (g), (h), (i), (j) and (k).

Valutazzjoni pożittiva

(13) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat meta nstab li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont li għandu jsir disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli.

Kontribuzzjoni finanzjarja

(14) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat tal-Awstrija huma ta' EUR 4 187 412 730. Peress li l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat huwa ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Awstrija, il-kontribuzzjoni finanzjarja kkalkulata f'konformità mal-Artikolu 20(4), 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 allokata għall-RRP emendat tal-Awstrija jenħtieġ li tkun EUR 3 961 157 550.

(15) Għalhekk, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill ST 10159/21 INIT, ST 10159/21 ADD 1; ST 10159 21 COR 1 tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-

valutazzjoni tal-RRP għall-Awstrija jenħtieġ li tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jiġi sostitwit kompletament.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan ta' rkupru u reżiljenza għall-Awstrija hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP modifikat tal-Awstrija fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inklużi l-istadji importanti u l-miri rilevanti u l-mira addizzjonali relatata mal-pagament tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, l-indikaturi rilevanti marbuta mal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ għad-data rilevanti sottostanti, huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.";

(2) L-Anness huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2
Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Awstrija.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President